MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru 381/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**JAMES HUGHES**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom James Hughes ta’ 30 sena, iben James u Anna Maria nee’ Caruana, imwieled 9 ta’ Gunju, 1975 Pieta`, u residenti 58, Triq tal-Kubrit, Gzira. ID 409875M.

Billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it- 12 ta' Frar 2006 ghal habta tas-sebgha ta' filghodu (07.00hrs), gewwa Triq B'Kara, San Gwann, u kif ukoll fi bnadi ohra gewwa San Giljan u Sliema:-

1. Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTW106 tal-ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Dorianne Aquilina, liema hsara tammonta ghall aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm 500, u dan bi ksur ta' artilolu 325(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Dorianne Aquilina u dan bi ksur ta' artikolu 221 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Uza kliem ta' theddid fil-konfront ta' Dorianne Aquilina u dan bi ksur ta' artikolu 249(2) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Hebb kontra Dorianne Aquilina sabiex jingurjha, jddejaqha u jaghmilha hsara, u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(d) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 3 tal-Process u nnutat li l-imputat James Hughes m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Dan il-kaz hu ippernjat fuq kwistjoni ta' kredibilita' ta' xhieda bejn il-versjoni li tat ix-xhud Dorianne Aquilina u dik li taha l-imputat.

Hawn il-Qorti sejra ticcita brani mid-deposizzjoni li tat ix-xhur Dorianne Aquilina fis-Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006 fejn din ix-xhud, inter alia, qalet: "………………………………………"

"Xhud: Beda jidhol go fija bil-karozza taht il-mina qisu biex iddawwarli l-

______________________________________________________________

karozza hekk

______________

Qorti: Jigifieri beda jahbat go fik?

Xhud: Beda jahbat go fija hekk u mbaghad

___________________________________

Qorti: Kemm –il darba habat go fik?

________________________________

Xhud: Nahseb kienu xi darbtejn hekk ghax ilhaqt dort 'l isfel ghal San

____________________________

Gwann, waqft fil-lights ghax kelli nieqaf fil- lights, nizel ghalija, ghawwigli l-bieba tal-karozza ghax sakkart u ma stajtx niftah, qabad, kissirli l-hgiega fuqi tal-karozza tal-bieba"

"………………………………………………………………………
……………….."

Pros: L-incident li gara fuq il-lights fejn ghawwiglek il-bieba u kissirlek il-hgiega, xi kemm dam dak l-incident jigifieri meta inti kont wieqfa?

Xhud: Mhux hafna taf jigifieri fi split of a second sar kollox qed tifhem

PC: Imma kemm dam bejn wiehed u iehor?

Xhud: Forsi hames minuti nahseb ifhem kemm lahqu saqu ta' quddiemi u soqt"

"………………………………………………………………………… …………..”

PC: Kif, meta kontu weqfin fit-traffic lights kif inkiser il-hgieg tal-vettura?

Xhud: B’daqqa ta’ ponn”. (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta’ PS1268 Ivan Caruana li fis-Seduta tat-30 ta’ Mejju, 2006, inter alia, qal:

“Qorti: OK issa inti fuq l-idejn tal-imputat rajt xi dmija?

Xhud: Iva fuq l-idejn tal-imputat kien hemm qata’ zghira, jien

qedltu kif giet dik il-qata’, u hu qal li meta waqfu fejn l-ghassa mar biex ikellimha biex jghidilha biex ma tigix iktar f’dan il-bar, ghamel idejh mal-hgiega taghha, u kif ghamel hekk qata’ subghajh

Qorti: Issa l-qata’ ta’ subghajh fejn kienet, f’liema parti ta’ jdejh kienet?

Xhud: Kienet mat-thumb”

“………………………………………………………………………… ……………”

“Qorti: Mela mal-first knuckle fuq il-parti ta’ gewwa, la fil-wicc u lanqas taht, ok

PC: Fil-parti tal-genb

Xhud: Ezatt fil-parti tal-genb

Qorti: Mal-ewwl knuckle tat-thumb

Dif: U subghajn wiehed hux?

Xhud: Iva subghajn wiehed

Qorti: Fuq il-knuckles hawnhekk rajtlu xi haga?

Xhud: Le ma rajtlu xejn ma kellu xejn

Qorti: Issa l-karozza dorta tas-Sinjorina?

Xhud: Rajna rajt fejn urietni hi, urietni l-parti tal-bieba taghha tad-driver

Qorti: Ok urietek il-parti ta’ wara tal-karozza taghha?

Xhud: No ma qaltlix li kien hemm xi damages hemm

Qorti: Qaltlek f’xi hin li l-imputat kien dahal fiha darbtejn fit-tunnels?

Xhud: No ma qaltlix

Qorti: Halli jipprova jdahhalha fit-tunnel?

Xhud: No, hi qaltli li waqfet mal-lights ghax kien hemm il-lights huma homor u kien hemm it-traffiku, hu waqaf warajha, hareg mill-karozza u ghawigilha l-parti ta’ fuq.” (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia, qal:

“Dif: Surgent, nghid sew li l-imputat ma kienx wahdu, kien ma ragel iehor?

Xhud: Iva kien hemm xhud mieghu

Dif: kien hemm xhud mieghu

Xhud: Jien kellimtu

Dif: Iva u x’qal?

Xhud: Huwa kkonferma x-xhieda kollha ezatt

Dif: Ikkonferma x-xhieda ta' min?

Xhud: Ta' James Hughes

Dif: U kellimtu separatament?

Xhud: Separatament". (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti tosserva li fid-deposizzjoni li taha minn jeddu l-imputat James Hughes fis-Seduta ra l-15 ta' April, 2008 (Ara minn folio 81 sa folio 87 tal-Process) l-imputat innega dak li xhud Dorianne Aquilina qalet li x'ghamlilha l-imputat fl-okkazzjonijiet in disamina u huwa taha l-versjoni tieghu ta' kif skond hu graw l-ghafarijiet.

Il-versjoni moghtija mill-imputat hi kollaborata mix-xhud Adrian Bianchi li kien flimkien mal-imputat sa minn meta it-tnejn li huma kienu ghadhom gewwa is-Sugar Shake club go Paceville.(Ara minn fol. 89 sa fol. 92 tal-Process-Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008).

Il-Qorti hi tal-fehma li mis-suespost u hawn il-Qorti taghmel senjatament referenza ghal dak sottolinjat hawn fuq minnha, jemergu dubbji dwar il-kredibilita' tal-versjoni moghtija mix-xhud Dorianne Aqulina u allura dwar is-sussistenza tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat, liema dubbji jmorru favur l-imputat u ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat James Hughes mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fuq konflitt ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------